MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 38/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Mejju, 2009 u l-granet ta' qabel go Redentur Sqaq Rajzi, B'Kara :
1. Manifattura, kellu fil-pussess tieghu jew biegh ghasel ippakkjat minn qabel Mixed Flora Gozo Honey kif imfisser fl-ewwel skeda tar-regolamenti ta' l-2004 ta' l-Ghasel, li ma kienx jikkonforma mal-htifijiet kif imnizzlin fit-tieni skeda ta' l-istess regoalemnti billi l-livelli ta' fruttozju u glukozju kien inqas minn dak permess kif ukoll billi l-livell ta' HMF kien izjed minn dak permess.
2. biegh jew kellu fil-pussess tieghu ikel (ghasel – Mixed Flora Gozo Honey) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta' ikel kif mitlub mix-xerrej.

3. biegh jew kellu fil-pussess tieghu ippakkjat minn qabel ikel (ghasel _Mixed Flora Gozo Honey) li kien iqarraq lix-xerrej dwar in-natura, l-propjetajiet u l-kompozizzjoni tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Jannar 2010, li biha, wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` Kap. 449 Art. 17(1), A.L. 213/2004, Reg. 3, A.L. 483/2004 Art. 4.1, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif migjuba kontrih u kkundannatu multa ta’ erba` mija, hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u bis-sahha tal-Art. 46 tal-Kap. 449 ordnat li l-prodotti tal-ghasel maqbudin mill-Awtorita` tas-Sahha ghandhom jigu distrutti mill-istess u l-ispejjez inkorsi mill-istess Awtorita` minhabba dawn il-proceduri ghandhom jigu rifuzi mill-akkuzat

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant rikorrent minn kull htija u tirrevoka l-piena hemm inflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewxvel aggravju jikkonsisti filli d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li taccetta id-depozizzjoni tal-esperti tal-prosekuzzjoni, minghajr ma tahtar lill-istess bhala Esperti tal-Qorti.

Dan huwa kuntrarju primarjament ghal procedura Kriminali Ii l-espert huwa dak mahtur mill-Qorti kif ben delinejat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Renald Cassar (deciza fil-24 ta’ Settembru 2009);

Illi l-argument kif propost mill-Qorti tal-Magistrati li galadarba hemm salvagwardja procedurali li l-imputat jista' jqabbad l-esperti tieghu jannulla r-rekwizit procedurali Kriminali', huwa argument estraneju ghas-sistema procedurali fl-ambitu kriminali kif imhaddna u imhaddma fis-sistema guridika Maltija, fejn l-esperti fi proceduri Kriminali huma dawk tal-Qorti u mhux tal-partijiet.

Illi t-tieni aggravu jikkonsisti filli u dan bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost, l-argument kif propost fis-sentenza appellata, u cioe' li galadarba hemm is-salvagwardja procedurali li l-imputat jista' jqabbad l-esperti tieghu, huwa argument manifestament karenti mir-rekwiziti kostituzzjonali, u cioe' li dak li huwa possibli fuq il-karta jrid ikun ukoll fatwalment u ragjonevolment possibli altrimenti jkollok biss mera possibilita' u mhux wahda realistikament possibli.

Dan qed jinghad billi galadarba l-istess Amministrazzoni Governattiva lanqas hija ma ghandha l-mezzi necessarji sabiex ikollha l-esperti taghha lokalment, izda irrikorriet ghal arrangamenti amminsitrattivi sabiex totjeni tali expertise, multo magis huwa fl-impossibilita' realisitka li imputat f'dawn il-kazijiet jkun fil-possibilita' li jotjeni espert ex-parte sabiex jgib 'l quddiem l-argument tieghu legalment, aktar u aktar meta l-istess procedura ta' sigillar taghmilha reat jekk il-prodotti hekk issigillati b'xi mod jitbaghbsu u allura lanqas ma seta' kieku ried l-appellant iqabbad laboratorju sabiex jezamina dan il-prodott ma setax, ghax kieku jkun qieghed jirrinkorri f'penalitajiet kriminali ohrajn.

Illi ghalkemm il-ligi taghti l-fakolta' fuq talba tal-persuna koncernata li s-sample jinqasam fi tnejn u jinghata parti minnu lill-persuna koncernata sabiex tkun tista taghmel l-analizi hija, il-prassi u l-fatti juru li l-persuna koncernata, f'dan il-kaz l-appellant rikorrent, ma kienx informat mill-ufficjali b'din il-procedura li ghalkemm ma hemmx obbligu per se fil-ligi, dan ghandu jkun parti integrali mill-procedura ta' elevar ta' kampjuni ghal analizi (kif del resto huwa fil-kamp normali kriminali) sabiex b'hekk id-drittijiet

tal-persuna jkunu mharsa meta din tinghata l-informazzjoni necessarji u mhux tintelaq ghal rihha tghum Ii proceduri legali li sa kemm tigi biex tiehu parir dwarhom jkun tard wisq u allura is-salvagwardja legali tkun effettivament ingabet fix-xejn.

Illi bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost, it-tielet aggravju jikkonsisti filli r-reat in ezami, u cioe' l-pussess ta' ghasel adulterat, ma huwiex semplici reat vikarju u istantaneo kif qed jigi propost. Dana stante illi dan ma huwiex reat konravenzjonali izda huwa delitt.

Bhala delitt dan jirrikjedi l-prova tal-mens rea. Fil-kaz in ezami ma hemm xejn illegali fil-pussess tal-ghasel, kuntrarjarment ghal bhal ezempju l-pussess tad-droga. Ghaldaqstant, u dan rizultanti mix-xhieda, ma kien hemm xejn indikattiv, Ia fil-prezentazzjoni u lanqas fil-mod kif kien jinsab ghal bejgh, jew ta' xi prova ohra indizjarja jew indikattiva tal-mens rea Ii kumbinata mal-att twassal ghal grad tal-prova mitlub mill-ligi. Dan kollu kien manifestament mankanti b'mod li x-xhieda jghidu li dan l-elevar ta' kampjuni sar bhala rutina, u mhux ghax kien hemm xi suspetti, inoltre l-prosekuzzjoni kellha tmur ghal analizi xjentifika sabiex tasal ghal dan l-allegat adulterazzjoni. Allura kif seta', in mankanza ta' provi ulterjuri, l-appellant jigi dikjarat li kien jaf bl-allegata adulterazzjoni. Dan qed jinghad billi l-prodott koncernat ma kienx mohbi jew b'xi mod mistur, izda kien miftuh u apert ghal bejgh.

Illi ir-raba' aggravju jikkonsisti u dan bla pregudizju u subordinatament ghas-suespost, illi l-provi permezz tax-xhud tal-prosekuzzjoni, l-espert Ii xehed dwar l-analizi u dwar l-ezamijiet u 'rizultati' fuq dan l-ghasel allegatament adulterat, lanqas huma fihom infusom provi cari u inekwivoci kif tirrikjedi li tkun prova fil-kriminal, billi l-istess xhud iddikjara li hemm zokkor (sucrose) li mhux la "beet" u lanqas "cane sugar", u allura din hija analizi mankanti l-prova assoluta li dan il-prodott gie adulterat b'xi forma ta' zokkor raffinat mill-bniedem. Galadarba z-zokkor allegatament riskontrat ma hux dak manifatturat mill-

hniedem, ghal lura ma hemmx adulterazzjoni bi prodotti estranei ghall-ghasel;

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-24 ta’ Marzu ta’ l-2009, Reuben Micallef mid-Dipartiment tas-Sahha eleva mill-hanut f’Marsaxlokk flixkun ta’ l-ghasel illi fuqu kien hemm miktub l-isem u l-indirizz ta’ l-appellant. L-appellant gie infurmat b’dan it-tehid minn Joseph Micallef ukoll mid-Dipartiment tas-Sahha, sezzjoni Birkirkara, fejn mar id-dar tieghu, infurmah x’kien qed jigri u ssigilla l-fliexken ta’ l-ghasel kollu li kellu d-dar. Dawn kienu tnax-il flixkun b’kollox. Il-fliexken hallihom hemm u ma gewx elevati mid-Dipartiment. Lanqas ma ttiehed xi kampjun minn dawn il-fliexken ghaliex il-kampjun ittiehed mill-flixkun li ttiehed minn Marsaxlokk. Doris Gambin, li tahdem in-National Health Laboratory, irceviet il-kampjun minghand Reuben Micallef u bghatietu f’laboratorju l-Germanja ghall-ezami. Gie r-rizultat lura, fejn irrizulta li l-profil taz-zokkor li kien fih dak l-ghasel, ma kienx dak illi jinstab naturalment mill-ghasel prodott min-nahal. Dan ir-rapport jinsab esebit a fol 3 tal-process. B’sentenza moghtija fit-28 ta’ Jannar ta’ l-2010 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u mmultatu ghal multa ta’ €465.87 u ordnat illi l-prodott ta’ l-ghasel maqbudin mill-Awtorita’ tas-Sahha minghand l-appellant kellhom jigu distrutti mill-istess dipartiment ghas-spejjez ta’ l-appellant.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, fejn l-ilment principali tieghu kien ghal fatt illi ma kienx hemm ness bejn il-flixkun, illi ttiehed minn Marsaxlokk u l-ghasel li pproduca l-appellant. Il-kampjun ma giex elevat mill-pussess ta’ l-appellant u dak li kien fil-pussess tieghu gie biss issigillat u thalla ghandu. Ghalhekk dak l-ghasel li nstab Marsaxlokk ma setax jigi addebitat lill-appellant. Ukoll, illi l-Ispetturi qatt ma kelmu lill-appellant, li ma kellux opportunita’ jiddefendi ruhu. Ir-rizultat tal-laboratorju huwa rizultat « ex parte », mhux ordnat mill-Qorti u quindi ma kellhux jitqies bhala ammessibli, bhal li kieku rapport ta’ espert mahtur mill-Qorti.

Ikkunsidrat.

Jibda’ biex jinghad, illi l-kampjun li ttiehed mill-hanut f’Marsaxlokk kellu t-tabella l-isem u l-indirizz ta’ l-appellant bhala l-persuna illi mmanufattura u pproduca dak l-ghasel. Terga’, l-appellant kien gie mgharraf minn Joseph Micallef li kienu ser isiru l-ezamijiet fuq l-ghasel tieghu, tant illi l-istess Micallef issigilla l-fliexken kollha ta’ l-ghasel illi l-appellant kellu d-dar. Hawnhekk l-appellant seta’ jaghmel uzu mid-dritt moghti mill-Artiklu 10 ta’ l-Avviz Legali 265/2002 tal-Kap 449 li jaghti l-fakulta lil persuna li tkun giet mgharfa li ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha, li hija titlob kampjun minn dak il-prodott u tezamina indipendement fl-laboratorju ta’ l-ghazla taghha. Fil-fatt, l-Artiklu 10 ta’ l-istess Avviz Legali jpoggi dmir fuq l-Ufficcjal ta’ l-Awtorita’, illi meta persuna titlob sample tal-kampjun, dan is-sample ghandu jinqasam fi tlieta, biex b’hekk jaghti wahda lil persuna li tkun tista’ taghmel l-accertamenti taghha. F’dan il-kaz, minkejja illi l-appellant kien jaf li ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu, ma talabx illi jiehu kampjun minn dak li ttiehed mill-Awtorita’ sabiex isiru ezamijiet fuqu. Il-kampjun li eleva d-dipartiment, gie moghti lil Doris Gambin li tahdem in-National Health Laboratory, illi baghtet dan il-kampjun f’laboratorju l-Germanja ghall-ezami. Ir-rizultat gie lura fejn irrizulta li l-profil taz-zokkor uzat f’dak il-kampjun, ma kienx jaqbel ma’ dak li ssib fin-natural fl-ghasel tan-nahal.

L-appellant ma jistax jargumenta illi r-rizultat tal-laboratorju huwa « ex parte » u mhux ordnat mill-Qorti u quindi kellu jkun sfilzat. Ir-rizultat huwa wiehed mill-provi li pprezentat il-Prosekuzzjoni u l-appellant kellu kull dritt li jirribadixxi illi kieku uza’ d-drittijiet moghtija lilu mill-istess Kap fuq imsemmi billi jiehu kampjun minn dak li ttiehed mid-dipartiment u jaghmel l-accertamenti tieghu. La dan m’ghamilhomx, quindi r-rapport esebit mill-Prosekuzzjoni huwa prova accettabli u li din il-Qorti tista’ u ghandha toqghod fuqu. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kawza l-Pulizija versus Simon Enriquez deciza minn din il-Qorti fis-19 ta’ Mejju ta’ l-2011, fejn il-Qorti qalet “Mill-process ma jirrizultax li d-difiza talbet ghal prezenza ta’ l-

analista fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ma jistax issa jsir ghax la x-xhud ma tellax jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma jistax jitella' issa. Ghalhekk il-Qorti mhijiex taccetta s-sottomissjoni tad-difiza dwar l-imnassibilita' tal-prova tac-certifikat." (Ara ukoll il-Pulizija vs Mark Attard ta' l-14 ta' Marzu ta' l-2013).

Rigward in-ness bejn il-flixkun li gie elevat mid-Dipartiment f'Marsaxlokk hu l-appellant, il-Qorti tirrileva li dan il-flixkun kellu label li fuqu kien hemm l-isem u l-indirizz tieghu. B'hekk il-Prosekuzzjoni waslet ghand l-appellant, ipprezentatu b'din il-prova u hu ma nnegax li dak l-ghasel kien prodott tieghu. Din il-label hija prova cirkostanzjali valida illi twassal ghall-unika konkluzzjoni possibli illi l-appellant kien il-propjetarju ta' dak l-ghasel impoggi ghal-biegh, b'karraterristici li ma kienux jirriflettu dak ta' l-ghasel naturali.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni illi l-appellant ipproduca ghasel mhux konformi mar-regolamenti u poggieh ghal konsum tal-pubbliku kontra l-istess regolamenti u ghalhekk l-akkuzi migjuba kontra tieghu huma pruvati fil-grad li trid il-Ligi. Ghalhekk din il-Qorti ukoll ssib li l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. U ghalhekk mhux il-kaz li din il-konkluzzjoni tigi disturbata. Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------